MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 17/2025-9**

**It-Tnejn, 21 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

17.1.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba jinsab assenti b'apoloġija.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 15/2025-9 u 16/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

17.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

17.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 15/2025-9 u 16/2025-9 ġew approvati mill-membri u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 Is-Sindku fakkar lil membri li f'Lulju għaddiet sena mid-9 leġislatura, fejn din kienet sena ta' ħidma f'armonija, sinerġija u għaqda. Irringrazzja lil membri preżenti tal-ħidma tagħhom. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini irriċiprokat l-awguri.

17.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill flimkien ma l-Otters ASC ġie mogħti €9,000 minn fondi STEM. Is-Sindku rringrazzja lil Sarah Dimech, Beverly Pace u Marnol Sultana li għenu f'din l-applikazzjoni.

17.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li PC Carm Gatt m'għadhux pulizija tal-kommunita' f'Marsalforn. Kompla jgħid li bħalissa l-Kunsill qed jistenna li jkollu pulizija floku. Irringrazzja lil PC Gatt tal-ħidma tiegħu fil-lokalita' tagħna u awguralu ħidma fejjieda f'lokalita' oħra.

17.3.3 Skema mir-Reġjun għar-Reġjun Kulturali fejn talbu li tinkiteb poeżija u tingħata statwa għal attivita'. Is-Sindku rrakomanda lil Rodianne Sultana sabiex tikteb il-poezija waqt li l-Kunsilliera Marlene Cini rrakomadat lil Michael Cini għal istatwa. Il-membri qablu.

17.3.4 Propona u l-membri qablu li nhar is-Sibt, 2 t'Awwissu 2025 fis-6pm issir l-inawgurazzjoni tal-proġett tat-tisbiħ tal-Belvedere fi Triq Santa Marija, Marsalforn li sar minn fondi tar-Reġjun t'Għawdex.

17.3.5 Propona u l-membri qablu sabiex isir monument fejn Ġnien iż-Żebbuġ simili għal dak li għamlu l-Munxar biex b'hekk tissebbaħ id-daħla tar-raħal. Id-disinn għandu jsir mill-Artist Mario Cassar.

## 17.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

17.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

17.4.1.1 Reġa ressaq il-proposta sabiex quddiem il-garaxx ta' G. Cefai faċċata tal-garaxx tal-Virtut isir *water culvert.* Is-Sindku astjena minn din id-deċizjoni. Il-membri qablu li jinxtraw il-*culverts* biss.

17.4.1.2 Propona sabiex fid-*Dry Standing Area* tal-Menqa, Marsalforn teħel tabella li sajjieda li għandhom il-bastiment tal-baħar irreġistrat bil-MFA jistgħu jipparkjaw il-vettura tagħhom u dan għaliex x'ħin is-sajjied jidħol bis-sajda qed ikollu problema biex iġorr il-ħut. Il-membri qablu li tintbgħat korrispondenza lil TM f'dan ir-rigward u jiġi kkupjat il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Sajd.

17.4.1.3 Issuġerixxa sabiex jiġi maħsub li jsir mafkar lil mibki Fra Baskal Farruga li fis-sena 2027 jagħlaq 200 sena u li għex ħajja ta' qdusija. Talab biex jintalab permess sabiex isir fi Pjazza l-Assunta u jidaħħal mal-permessi tal-PA. Il-membri qablu sakemm il-Kunsill jingħata fondi għal dan.

17.4.1.4 Il-Viċi Sindku rringrazzja lil PC Gatt għax-xogħol li wettaq f'dawn l-aħħar 3 snin fil-lokalita' tagħna kif ukoll lil PC Cini meta kien parti mill-Pulizija tal-Kommunita' fejn dawn flimkien għamlu ħidma siewja. Kompla jgħid li jawgura lil min ser jiġi floku sabiex jimxi fuq il-passi tagħhom.

17.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

17.4.2.1 Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ingħaqdet mas-Sindku u l-Viċi Sindku u rringrazzjat lil PC Gatt għax-xogħol imwettaq minnu.

17.4.2.2 Ġibdet l-attenzjoni sabiex jitranġa l-*culvert* ta' Triq il-Kaċċaturi għax qed iħabbat. Il-membri qablu li jitqabbad J. Vella biex jirranġah. Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li dawn il-*culverts* għandhom jitnaddfu qabel tagħmel ix-xita.

17.4.2.3 Fakkret sabiex titwaħħal *bus shelter* fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq il-Qbajjar fejn il-*Bring in Sites* u talbet sabiex jiġi vverifikat mal-Perit jekk hemmx bżonn xi permessi mill-PA.

17.4.2.4 Talbet sabiex jekk għax-Xwejni Music Feast, ma jitpoġġiex iz-zrar fi Triq il-Batterija mitlub lil MGP proponiet li jsir mill-Kunsill. Il-membri qablu.

17.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

17.4.3.1 Talab u l-membri qablu sabiex titranġa it-tabella mawġa 'Merħba Zebbuġ' li hemm fid-daħla tar-raħal. Għandu jiġi nfurmat Herbert Naudi li jieħu ħsieb dawn it-tabelli.

17.4.3.2 Talab sabiex isir ftit siment mal-bankina fi Triq Zaqi peress li qed ikun hemm ħafna ħaxix ħażin. Il-membri qablu.

## 17.5 Triq ta' Ċenċ u Triq Għajn Mhelhel

Is-Sindku nforma lil membri li Triq ta' Ċenċ ser tagħlaq 3 snin magħluqa. Kompla jgħid li xi ħadd qala t-tabelli u ħa l-barriers. Malli ġew infurmati l-Ministeru, id-Direttur Ġenerali ordnat li titella' blokka konkos sabiex tingħalaq it-triq. Is-Sindku qal li minn naħħa tal-Ministeru l-offerta ħarġet u ġiet *awarded*. Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lil membri li riċentament ntbgħatet *email* lid-Direttur Ġenerali fuq dawn it-toroq pero' l-Kunsill baqa' mingħajr tweġiba. Il-Viċi Sindku sostna li għandha titneħħa l-blokka la ma ngħalqitx minn isfel u minflok jitpoġġew tabelli. Il-membri qablu. Qablu wkoll li ssir pressjoni fuq iz-zewġ toroq.

## 17.6 Festa Santa Marija Assunta

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol fl-organizazzjoni u l-loġistika ma' l-għaqdiet kollha u jinżamm l-istess *budget*.

Rigward *traffic management* ser isir koordinament ma' l-Arċipriet u jitpoġġew it-tabelli tan-No Parking tul Triq il-Knisja u jitqabbdu uffiċċjali tal-LESA. Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jgħinu li jitpoġġew it-tabelli u l-barriers. Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li issir shuttle bus matul it-tlett ijiem tal-festa meta t-trasport pubbliku jkun ser jasal biss saċ-Ċimiterju.

Talbet sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb fejn jingħataw il-permessi tal-kiosks tal-festa sabiex ma jiġrix bħas-sena l-oħra. Il-membri qablu li jitpoġġew kemm jista' jkun mill-latrina lejn Triq il-Knisja.

## 17.7 Materji Oħra

17.7.1 Z08/25 – Saliba proponiet li teħel tabella 'Cats Crossing' minħabba l-qtates li qed jittajru mill-karozzi fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu.

17.7.2 M10/25 – Spiteri talab sabiex it-tabella 'Reserved for Blue Badge Holders' fi Triq ix-Xagħra tibqa' riservata s-sena kollha għax bħalissa riservata minn Ġunju sa Settembru biss. Il-membri qablu li ssir talba ma TM.

17.7.3 Ittra minn TM fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet approvata *personalized disabled bay* fi Triq Għar Qawqla.

17.7.4 Rigward Triq il-Ponta, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil membri li d-DLG ma approvawx it-talba tal-Kunsill sabiex issir varjazzjoni fuq l-offerta. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi skond kif oriġinarjament ħarġet l-offerta.

17.7.5 M3/25 – Spiteri talab sabiex jitnaddaf passaġġ fi Triq Wied l-Infern. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil membri li diġà ddaħħal rapport fuq is-sistema tal-Gozo LC Works.

17.7.6 Residenti minn Marsalforn talbu sabiex teħel mera tat-traffiku fejn iz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl li turi min ġej minn Triq ix-Xagħra minħabba l-bini li qed isir. Il-membri qablu li jiġi avviċinat il-Kappillan sabiex jingħata permess u jiġi nfurmat is-sid tal-binja sabiex iwaħħal mera tat-traffiku.

17.7.7 M11/25 – Sciberras talab sabiex jinzebgħu kaxxi tal-parkeġġ fi Triq in-Naħla. Il-membri ma qablux ma dan għax joqgħodu nqas karozzi.

17.7.8 Rigward il-bini tal-Junction - Schemed Road Triq Marsalforn, PA03000/19, il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun hemm meeting informattivi f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li s-Sindku jiġi maħtur sabiex ikun ir-rappreżentant ta' dan il-bord f'isem il-Kunsill.

17.7.9 Talba sabiex titneħħa temporanjament bozza fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri peress li jrid isir xi bini. Il-membri qablu ma din it-talba bil-kundizzjoni li jinstab post alternattiv għal din il-bozza tat-triq sakemm isir il-bini neċessarju.

17.7.10 Talba sabiex fi Triq Munġbell kantuniera ma Triq id-Duluri tiġi riservata kaxxa għal muturi. Il-membri qablu li ssir talba ma' TM.

17.7.11 Talba sabiex jinqelgħu l-flood lights li hemm fuq il-Kazin tan-Nazzjonalisti sabiex ikun jista' jsir xi bini u wara jerġew jitpoġġew hemm. Il-membri qablu.

17.7.12 Talba sabiex titnaddaf Triq iċ-Ċaqra. Il-membri qablu li titnaddaf b'gaffa żgħira ħalli ma ssirx ħsara.

17.7.13 Talba mir-residenti ta' Sqaq Għazziela fejn sar il-*water culvert* għax hemm parti minnu qed iżomm l-ilma. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tar-Road Construction f'dan ir-rigward peress li kien dan il-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol.

## 17.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/2025 għall-perjodu ta' Lulju 2025 li tammonta għal €65,902.23 ġiet approvata mill-membri preżenti.

## 17.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.10 ta' filgħaxija. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 t'Awwissu 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Baskal Saliba<br>Sindku | Odette Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |